Studju ta’ każ 1 – liġi tal-familja – divorzju - Spanja

# Spejjeż fi Spanja

## Spejjeż għat-Tribunali, l-appelli u soluzzjonijiet alternattivi għat-Tilwim

| Studju tal-Każ | Tribunal | | | Appelli | | | Soluzzjoni alternattiva għat-tilwim | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Spejjeż inizjali | Spejjeż ġenerali | Spejjeż oħrajn | Spejjeż inizjali | Spejjeż ġenerali | Spejjeż oħrajn | Din l-alternattiva hija possibbli għal dan it-tip ta’ każ? | Spejjeż |

| Studju tal-Każ | Tribunal | | | Appelli | | | Soluzzjoni alternattiva għat-tilwim | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Spejjeż inizjali | Spejjeż ġenerali | Spejjeż oħrajn | Spejjeż inizjali | Spejjeż ġenerali | Spejjeż oħrajn | Din l-alternattiva hija possibbli għal dan it-tip ta' każ? | Spejjeż |
| Każ A | Spejjeż inizjali.- Id-depożiti mħallsa lill-avukat jew prokuratur, sakemm ma tkunx intitolat għall-għajnuna legali (irregolata bil-Liġi 1/1996 dwar l-Għajnuna Legali). Id-divorzju bi qbil reċiproku huwa wieħed mill-każijiet li jgawdu minn eċċezzjoni għall-ħlas ta' taxxa ġudizzjarja. Jekk minflok bi qbil reċiproku d-divorzju jkun kontenzjuż, ikun hemm l-obbligu tal-ħlas ta' taxxa, sakemm il-parti kontenzjuża ma tkunx tittratta biss il-minuri. | Dawn huma l-ispejjeż ġenerali tal-proċeduri. Huma jiġu imposti fuq il-parti li kellha t-talbiet tagħha miċħuda (prinċipju tat-tellief iħallas), sakemm il-każ ma jippreżentax dubji serji fuq il-fatti jew fuq il-liġi (Art. 394(1) L.E.C.). Fil-każ ta' aċċettazzjoni jew ċaħda parzjali, kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha u nofs l-ispejjeż komuni. Japplika l-prinċipju tat-tellief iħallas (Art. 394(2) tal-L.E.C.), fil-każ ta' divorzju kontenzjuż. | L-ispejjeż għall-esperti, biex tikseb kopji, xhieda, strumenti u atti notarili jew tar-Reġistri Pubbliċi. | L-istess bħal fl-ewwel istanza. | Japplika l-istess kriterju bħal fl-ewwel istanza | Japplika l-istess kriterju bħal fl-ewwel istanza | Fi Spanja hija prevista l-medjazzjoni fi kwistjonijiet familjari, iżda l-kompetenzi korrispondenti huma tal-Komunitajiet Awtonomi. | Fil-prinċipju, il-Komunitajiet Awtonomi stipulaw il-medjazzjoni mingħajr ħlas. |

| Studju tal-Każ | Tribunal | | | Appelli | | | Soluzzjoni alternattiva għat-tilwim | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Spejjeż inizjali | Spejjeż ġenerali | Spejjeż oħrajn | Spejjeż inizjali | Spejjeż ġenerali | Spejjeż oħrajn | Din l-alternattiva hija possibbli għal dan it-tip ta' każ? | Spejjeż |
| Każ B | Spejjeż inizjali.- Id-depożiti mħallsa lill-avukat jew prokuratur, sakemm ma tkunx intitolat għall-għajnuna legali (irregolata bil-Liġi 1/1996 dwar l-Għajnuna Legali). Id-divorzju bi qbil reċiproku huwa wieħed mill-każijiet li jgawdu minn eċċezzjoni għall-ħlas ta' taxxa ġudizzjarja. Jekk minflok bi qbil reċiproku d-divorzju jkun kontenzjuż, ikun hemm l-obbligu tal-ħlas ta' taxxa, sakemm il-parti kontenzjuża ma tkunx tittratta biss il-minuri. | Dawn huma l-ispejjeż ġenerali tal-proċeduri. Huma jiġu imposti fuq il-parti li kellha t-talbiet tagħha miċħuda (l-Artikolu 394(1) tal-L.E.C.), fil-każ ta' divorzju kontenzjuż | Proposti ta' provi, tfassil tal-ftehim li jirregola d-divorzju. | Il-parti li tappella trid tħalli depożitu minn qabel, sakemm ma tkunx intitolata għall-għajnuna legali. | Japplika l-istess kriterju bħal fl-ewwel istanza | Japplika l-istess kriterju bħal fl-ewwel istanza | Fi Spanja hija prevista l-medjazzjoni fi kwistjonijiet familjari, iżda l-kompetenzi korrispondenti huma tal-Komunitajiet Awtonomi. | L-ispejjeż imħallsa lill-professjonisti li jieħdu sehem fil-proċess |

## Spejjeż tal-avukati, l-amministraturi ġudizzjarji u l-esperti

| Studju tal-Każ | Avukati | | Amministraturi ġudizzjarji. | | | Esperti | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ir-rappreżentanza hija obbligatorja? | Spejjeż | Ir-rappreżentanza hija obbligatorja? | Spejjeż qabel is-sentenza. | Spejjeż wara s-sentenza | Bilfors jintervjenu? | Spejjeż |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Każ A | Il-partijiet jridu jkunu assistiti minn avukat u rappreżentati minn prokuratur (l-Artikolu 750 L.E.C.) | Huwa neċessarju l-provvediment ta' fondi għall-avukat u l-prokuratur u wara spejjeż eventwali jridu jitħallsu lill-parti rebbieħa (fil-każ ta’ proċediment kontenzjuż) | Ma jirrappreżentax lill-partijiet | L-ebda spiża | L-ebda spiża | Minħabba n-natura ta' dan il-proċediment, normalment ma jintervjenux | Xejn |
| Każ B | Il-partijiet jridu jkunu assistiti minn avukat u rappreżentati minn prokuratur (l-Artikolu 750 L.E.C.) | Huwa neċessarju l-provvediment ta' fondi għall-avukat u l-prokuratur u wara spejjeż eventwali jridu jitħallsu lill-parti rebbieħa (fil-każ ta’ proċediment kontenzjuż) | Ma jirrappreżentax lill-partijiet | L-ebda spiża | L-ebda spiża | Minħabba n-natura ta' dan il-proċediment, normalment ma jintervjenux | Xejn |

## Spejjeż għall-kumpens tax-xhieda, depożitu jew garanzija u spejjeż oħra rilevanti.

| Studju tal-Każ | Kumpens tax-xhieda | | Depożiti | | Spejjeż oħrajn | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ix-xhieda jiġu kkumpensati? | Spejjeż | Jeżistu? Meta u kif jintużaw? | Spejjeż | Deskrizzjoni | Spejjeż |
| Każ A | Ix-xhieda għandhom id-dritt li jkunu kkumpensati mill-parti li ssejħilhom bħala xhieda, għad-danni kkawżati mill-preżenza tagħhom fil-qorti (l-Artikolu 375(1) L.E.C.) | Parti mill-prezz hija inkluża fil-ħlas tal-ispejjeż | Ma jiġi ppreżentat l-ebda depożitu bil-quddiem | Xejn | Ċertifikati mir-Reġistru Ċivili, ċertifikati taż-żwieġ jew ċertifikati tat-twelid, dokumenti li fuqhom jibbażaw id-dritt tagħhom (l-Artikolu 777(2) LEC) | Dawk applikabbli |
| Każ B | Ix-xhieda għandhom id-dritt li jkunu kkumpensati mill-parti li ssejħilhom bħala xhieda, għad-danni kkawżati mill-preżenza tagħhom fil-qorti (Art. 375(1) L.E.C.) | Parti mill-kumpens huwa inkluż fil-ħlas tal-ispejjeż | Ma jiġi ppreżentat l-ebda depożitu bil-quddiem | Xejn | Ċertifikati mir-Reġistru Ċivili, ċertifikati taż-żwieġ jew ċertifikati tat-twelid, dokumenti li fuqhom jibbażaw id-dritt tagħhom (l-Artikolu 777(2) LEC) | Dawk applikabbli |

## Spejjeż għall-għajnuna legali u rimborżi oħrajn.

| Studju tal-Każ | Għajnuna Legali | | | Rimborżi |
|---|---|---|---|---|
| | Meta u taħt liema kundizzjonijiet tapplika? | Meta tingħata għajnuna sħiħa? | B'liema kundizzjonijiet? | Tista’ l-parti rebbieħa tikseb rimborż tal-ispejjeż tal-kawża? |
| Każ A | Hija tapplika għal min m’għandux mezzi finanzjarji biżżejjed biex ikun involut f'kawża (Avukat, prokuratur, fost l-oħrajn) | | Jitqies li hemm nuqqas ta’ mezzi finanzjarji meta persuna fiżika tkun tista’ turi li r-riżorsi u d-dħul finanzjarji tagħha, ikkalkulati kull sena abbażi tal-kunċetti kollha u għal kull unità familjari, ma jkunux jaqbżu d-doppju tal-Indiċi Pubbliku tad-Dħul għal Iżjed minn Skop Wieħed (IPREM), fis-seħħ fiż-żmien tal-applikazzjoni. | Għandu jqis il-ftehim li jkun sar mal-avukat tiegħu, jekk ikun sar. |

| Studju tal-Każ | Għajnuna Legali | | | Rimborżi |
|---|---|---|---|---|
| | Meta u taħt liema kundizzjonijiet tapplika? | Meta tingħata għajnuna sħiħa? | B'liema kundizzjonijiet? | Tista' l-parti rebbieħa tikseb rimborż tal-ispejjeż tal-kawża? |
| Każ B | Hija tapplika għal min m'għandux mezzi finanzjarji biżżejjed biex ikun involut f'kawża (Avukat, prokuratur, fost l-oħrajn) | | Jitqies li hemm nuqqas ta' mezzi finanzjarji meta persuna fiżika tkun tista' turi li r-riżorsi u d-dħul finanzjarji tagħha, ikkalkulati kull sena abbażi tal-kunċetti kollha u għal kull unità familjari, ma jkunux jaqbżu d-doppju tal-Indiċi Pubbliku tad-Dħul għal Iżjed minn Skop Wieħed (IPREM), fis-seħħ fiż-żmien tal-applikazzjoni. | Għandu jqis il-ftehim li jkun sar mal-avukat tiegħu, jekk ikun sar |

## Spejjeż għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni

| Studju tal-Każ | Traduzzjoni | | Interpretazzjoni | |
|---|---|---|---|---|
| | Meta u b'liema kundizzjonijiet tapplika? | X'inhuma l-ispejjeż bejn wieħed u ieħor? | Meta u b'liema kundizzjonijiet tapplika? | X'inhuma l-ispejjeż bejn wieħed u ieħor? |
| Każ A | | | | |
| Każ B | Id-dokumenti pubbliċi jew privati li jistgħu jkunu meħtieġa f'kundizzjonijiet legali stabbiliti (traduzzjoni minn traduttur ġuramentat rikonoxxut b'mod uffiċjali) | It-tradutturi jistabbilixxu t-tariffi tagħhom stess. | Interpreti għall-proċediment fejn jirriżulta li jkun hemm bżonnhom | L-interpreti jistabbilixxu t-tariffi tagħhom stess |

L-aħħar aġġornament: 17/07/2013

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.